# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist. S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE, LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Dicembru, 2001**

**Numru 48**

**Cit. Nru. 1105/94 GV**

**Avv. Dottor Giannino Caruana Demajo bhala Chairman u Mario Grech bhala Managing Director, u b'nota tas-sitta (6) ta' Frar, 1995, l-Avv. Dottor Pierre Fenech assuma l-atti tal-kawza ghan-nom u in rappresentanza ta' Middle Sea Insurance Company Limited.**

**vs**

**David Jones bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Vallettta Freight Services Limited, u din bhala agent ghan-nom u in rappresentanza ta' Black Sea Shipping Co. proprjetarja tal-bastiment M.V. Akademic Millionschikov, Alfred Pollacco bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Valfracht Maritime Company Limited u Godwin Abela ghan-nom u in**

**rapprezentanza ta' The Crgo Handling Company Limited.**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

**<u>Ic-Citazzjoni attrici</u>**

1. B'citazzjoni l-attur nomine ippremetta illi Richard Colombo importa gewwa Malta fuq il-vapur "MV Akkademik Millionschivok" "crane" tal-marka "Coles 25/28" komplut b'magna u zewg roti u zewg types zejda; liema apparat wasal Malta fil-31 ta' Lulju 1993. L-assigurat ta' l-attur gabar il-merkanzija in kwistjoni u sab li l-merkanzija kellha nuqqasijiet u hsarat li jiswew elf sitt mija u sitta u hamsin Liri Maltin (Lm1,656); Illi ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur nomine u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tal-hsarat u danni li gew lilu kawzati u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet ta' l-istess assigurat; illi s-socjetajiet konvenuti jew minn minnhom huma responsabbli ghal dawn id-danni, u ghaldaqstant talab lill-Prim Awla tal-Qorti Civili:

a) Tiddikjara lis-socjetajiet konvenuti, jew minn minnhom, responsabbli ghall-hsarat u n-nuqqasijiet fuq imsemmija;

b) Tikkundanna lis-socjetajiet konventi jew minn minnhom jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' Lm1,656 ghar-ragunijiet premessi.

**L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA' KONVENUTA**

2. Is-socjeta konvenuta, eccepiet:-

a) Hija ghamlet dak kollu li trid minnha l-ligi stante li l-merkanzija in kwestjoni giet ikkonsenjata lill-importatur fl-istess stat li s-socjeta konvenuta rcievitha;

b) Is-socjeta konvenuta ma ghandiex twiegeb ghal danni ghax skond ir-regolamenti 70(3) u 90 tar-Regolamenti ta' l-1966 dwar il-Portijiet, ir-riskju ta' hsara lil merkanzija mahzuna fil-bierab igorru dejjem is-sid;

c) Illi l-allegati danni huma ghal kollox esagerati;

d) Illi l-ebda interessi m'huma dovuti stante li din si tratta kawza ta' danni.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B'sentenza tal-26 ta' Frar 1999 l-Prim Awla tal-Qorti Civili iddecidiet billi cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjeta The Cargo Handling Company Limited, illiberta lis-socjeta Valletta Freight Services Limited

mit-talbiet attrici u laqghet it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta The Cargo Handling Company Limited bl-imghax, bl-ispejjez, ghajr dawk tas-socjeta Valletta Freight Services Limited, jithallsu kollha mis-socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited.

## L-APPELL TAS-SOCJETA KONVENUTA "THE CARGO HANDLING COMPANY LIMITED"

4. Is-socjeta konvenuta "The Cargo Handling Company Limited" hasset ruhha aggravat bis-sentenza fuq premessa u ghalhekk interponiet appell minnha lil din il-Qorti ta' l-Appell fuq l-aggravju segwenti:

a) Illi fil-wiehed u tletin (31) ta' Lulju 1993, fuq il-vapur "MV Akkademik Millionschivok", gie importat mis-sur Richard Colombo, crane "second hand" tad-ditta Coles 25/28. Dan il-crane kellu mieghu magna, u zewg spare wheels u types zejda. Dan il-crane inhatt minn fuq l-istess vapur fl-istess gurnata tal-wasla tieghu Malta, u gie ikkonsenjat mis-socjeta esponenti lill-importatur fl-erbgha (4) ta' Awissu 1993 kif effetivament jirrizulta mil-Gate Pass Out numru A040862 datata erbgha (4) ta' Awissu 1993.

b) Illi biex tirnexxi l-azzjoni attrici kif diretta kontra l-istess socjeta esponenti, apparti l-prova tal-hlas b'surroga lill-assigurat dannegjat, trid qabel xejn tipprova illi:

i. Il-merkanzija in kwestjoni giet mghobbija abbord il-bastiment li ttrasportahom ezenti mid-difetti u n-nuqqasijiet li gew riskontrati;

ii. L-istess merkanzija giet skarikata minna abbord ezenti wkoll mill-istess nuqqasijiet u difetti u mhollija hekk f'idejn is-socjeta esponenti;

iii. Id-difetti u nuqqasijiet gew riskontrati meta l-merkanzija giet rilaxxjata mis-socjeta esponenti;

iv. Id-difetti u n-nuqqasijiet ikunu rizultat ta' nuqqas ta' diligenza tas-socjeta esponenti.

Illi il-kwestjoni kollha hija dwar il-kundizzjoni li fiha giet ikkonsenjata lilha il-merkanzija metru tal-vertenza odjerna, u l-kundizzjoni li fiha l-istess merkanzija giet ikkonsenjata mis-socjeta esponenti lill-importatur.

**<u>i. Kundizzjoni li fiha gew skarikati il-vetturi minn abbord il-vapur</u>**

Illi l-unika dokument li ghandu l-attur biex jipprova dan il-punt fuq imsemmi, u cioe illi l-istess merkanzija giet skarikata minna abbord ezenti wkoll mill-istess nuqqasijiet u difetti u mhollija hekk f'idejn is-socjeta esponenti, huma it-Tally Sheets.

Fuq dawn sheets, m'hemm ebda rimarka rigward il-kundizzjoni li fiha gie skarikat il-crane mertu tal-vertenza odjerna., u ghaldaqstant, il-prezunzjoni hi li l-istess crane gie skarikat minn fuq il-vapur ezenti minn kull difett jew nuqqas.

Pero, ghandu jinghad illi fil-mument li ssir it-Tally Sheet, minn ikun qieghed jikkompila l-istess dokument ghan-nom tas-socjeta esponenti, u kif ukoll l-istess socjeta esponenti, ma kellhom l-ebda indikazzjoni li fuq dan il-crane second hand kien hemm l-accessorji indikati bhala nuqqasijiet fic-citazzjoni attrici. Tajjeb li wiehed josserva illi fil-case ta' crane second hand, a differenza ta' vettura gdida, wiehed ftit li xejn jista' jissaponi li certu affarijiet u accessorji gew importati ma' l-istess crane,

stante li f'xi haga second hand m'hemm l-ebda accessorju li huwa 'standard'.

L-ewwel fil-valutazzjoni taghha ta' dan il-punt qaghdet fuq id-deposizzjoni ta' l-importatur Richard Colombo li qal illi meta huwa mar biex inizzel il-crane minn fuq il-vapur, huwa kien innota li l-istess crane kien jidher "all right". Huwa kompla jghid li ta struzzjonijiet biex l-istess crane jinzamm fil-maghluq minhabba xi accessorji li kien fih. Izda mkien ma jinghad mill-istess xhud x'kienu dawn l-accessorji li kien hemm fuq il-crane. Huma kompla jghid illi l-lista li tinsab esebita a fol.94 tal-process, liema lista kienet tinkludi l-accessorji li bih gie dan il-crane, kienet f'idejh meta huwa mar biex inizzel il-crane minn fuq il-bastiment u jikkonsenjjah lis-socjeta esponenti, u wiehed f'dan l-istadju isaqsi, x'kienet ir-raguni li l-istess Richard Colombo ma taghax kopja ta' din il-lista lis-socjeta esponenti biex din ta' l-ahhar tkun f'kundizzjoni li tivverifika dak kollu li huwa qieghed jallega li kien fih il-crane mertu tal-vertenza odjerna? Kif tista is-socjeta esponenti tinsab responsabbli ghal nuqqasijiet li dwarhom hija ma jkolla l-ebda informazzjoni, minkejja l-fatt illi din l-informazzjoni kienet disponibbli f'idejn l-importatur, li pero ghazel li jzomm l-istess informazzjoni ghalih?

U ghaldaqstant, wiehed isaqsi, x'kontroll ghandha l-istess socjeta esponenti fil-verifika li taghmel fil-mument ta' l-isbark (u cioe waqt li tkun qeghda tigi kompilata it-tally sheet) fuq il-presenza o meno ta' certu

accessorji li l-istess socjeta esponenti lanqas biss tkun infurmata jekk ghandhomx ikunu fuq crane second hand?

**ii. Id-difetti u n-nuqqasijiet li gew riskontrati meta l-vettur gew rilaxxjati mis-socjeta esponenti**

Rigward it-tieni punt fuq imsemmi, u cioe' illi id-difetti u n-nuqqasijiet gew riskontrati meta l-vetturi gew rilaxxjati mis-socjeta esponenti, il-prova li tingieb mill-attur hija l-Gate Pass Out. Normalment tingieb ukoll il-prova permezz tas-survey li jsir minn surveyor imqabbad mill-istess socjeta assiguratrici. Din l-istess Gate Pass Out, li hija iffirmata kemm mir-rappresentant tas-socjeta esponenti, kif ukoll mir-rappresentant ta' l-importatur, hija bazikament dikkjarazzjoni kongunta bejn l-istess socjeta esponenti u l-importatur rigward il-kundizzjoni li fiha qeghdha tigi ricevuta l-merkanzija importata mill-importatur. Ghaldaqstant, tali skrittura privata hija fiha nnifisha prova li ghandha torbot kemm lis-socjeta esponenti, kif ukoll lil-importatur. Di piu, skond l-artikolu 16 tal-Ports Ordinance hemm provdut li *"the Director of Ports or his contractor shall be relieved of all responsibility in respect of the delivery of the goods if he delivers the goods to which the documents relate to the person presenting such documents in such manner and form as may be prescribed".* Dan juri bic-car l-importanza tal-Gate Pass Out preskritt mill-ligi.

Hija haga ovvja illi dan it-tip ta' dokument, illi minn dejjem kien jirregola ir-relazzjoni bejn is-socjeta esponenti u is-socjetajiet importatrici, qieghed hemm biex jigi ppruvat liema merkanzija giet rilaxxata mis-socjeta esponenti lill-importatur, u f'liema kundizzjoni din il-merkanzija giet hekk rilaxxata. U minn natura taghha tali dikkjarazzjoni minn dejjem kient u ghadha ssir kongunta bejn is-socjeta esponenti u l-importaturi, u dan bl-iskop li tali dikjarazzjoni tkun torbot liz-zewg socjetajiet bhal ma jaghmel kull dokument kontrattwali. Ghaldaqstant, fuq l-istess Gate Pass Out hemm post fejn jitnizzlu dawk id-difetti jew hsarat illi jigu innotati meta l-merkanzija tkun qeghdha tigi rilaxxata lill-importatur, u l-prassi minn dejjem kienet u ghadha illi effetivament dawn in-notamenti jsiru u minn dejjem tqiesu mill-Qrati taghna bhala prova bizzejjed kontra is-socjeta esponenti illi l-hsarat mnizzla fuq il-Gate Pass Out huma responsabbilita ta' l-istess socjeta esponenti (dejjem jekk l-istess hsarat ma gewx notati fit-Tally Sheet meta l-merkanzija tkun qeghda tigi skarikata minn fuq il-vapur u jekk l-istess socjeta esponenti ma tkunx qdiet id-doveri taghha kif tirrekjedi l-ligi).

Fil-kaz mertu tal-vertenza odjerna, jidher car illi l-ebda notament jew rimarka ma saret fuq l-istess Gate Pass Out, u ghaldaqstant huwa ovvju illi s-socjeta importatrici li ffirmat dan l-istess Gate Pass Out qeghdha tiddikjara illi l-istess merkanzija giet rilaxxata "*in good order and condition".* Izjed minn hekk, ssir referenza wkoll ghall-dawk l-accessorji

zejda, u cioe il-magna u r-roti li sa dak il-hin, is-socjeta esponenti kienet taf li jinsabu fuq il-crane stante li huma indikati fil-Bill Of Lading.

Huwa ghaldaqstant huwa ovvju illi l-importatur li ffirma dan id-dokument permezz tal-Burdnar tieghu, u cioe Saviour Vella qeghdha tiddikjara illi l-istess merkanzija giet rilaxxata lilha fil-kundizzjoni kif deskritta fuq din l-istess Gate Pass Out.

Izda l-Ewwel Qorti iddecidiet illi ingiebet bizzejjed prova biex twaqqa' dak li kien qieghed jigi ddikjarat fil-Gate Pass Out, u li ghaldaqstant, is-socjeta esponenti ghandha tinzamm responsabbli ghan-nuqqasijiet dedotti fic-citazzjoni attrici. In sostenn ta' dan ir-ragunament, l-Ewwel Onorabbli Qorti irriferiet ghad-decizjoni moghtija mill-Onor Qorti ta' l-Appell (sede inferjuri) fl-ismijiet Causon vs G Abela deciza fit-22 ta' Ottubru 1998.

Illi bir-rispett kollu, din il-konkluzzjoni ta' l-Ewwel Qorti hija zbaljata, stante li fl-ebda stadju ma ngiebet prova bizzejjed biex jigi ribattut dak li hemm imnizzel u ddikjarat fil-Gate Pass Out. Ghandu wkoll jinghad illi r-referenza ghad-decizzjoni riferita izjed il-fuq hija bir-rispett kollu zbaljata stante li din tirreferi ghal fatti u cirkostanzi differenti.

Ghandu jinghad illi biex jixdhu fuq il-Gate Pass Out xhedu iz-zewg individwi li ffirmaw l-istess dokument. Filwaqt li l-persuna li ffirmat id-dokument f'isem is-socjeta esponenti, u cioe Mario Muscat, qalet li hadd

ma rrimarkalu li kien hemm xi nuqqasijiet, u li ghaldaqstanti, xejn ma tnizzel bhala rimarka fuq l-istess dokument, Saviour Vella, li allegatament iffirma dan id-dokument f'isem l-importatur ma jaghtix spjegazzjoni tar-raguni li ghaliha ma tnizzlet l-ebda rimarka fuq il-Gate Pass Out. Anzi, ta' minn jghid illi dan ix-xhud mar oltre, stante li allega li l-firma fuq id-dokument m'hijiex tieghu, l-ID Card no. miktub fuq id-dokument m'huwiex tieghu, u li huwa nforma bin-nuqqasijiet kemm lis-socjeta esponenti kif ukoll lill tad-Dwana.

U wiehed isaqsi x'juri dan kollu? Li zgur li juri huwa n-nuqqas ta' serjeta minn nahar ta' l-importatur u tas-socjeta assiguratrici fil-gestjoni ta' din il-kwistjoni. Dan ghaliex il-Gate Pass Out huwa dokument li kien fil-kustodju ta' l-importatur. Izda minkejja dan, il-mument opportun li fih l-importatur u s-socjeta assiguratrici ghazlu li jinfurmaw lill-xi hadd li l-firma ta' Saviour Vella fuq dan id-dokument m'hijiex effetivament ta' Vella izda ta' xi hadd iehor li prezumibilment iffirma ghalih, f'dan l-istadju tant komdu u opportun ghall-istess importatur u s-socjeta assiguratrici.

U dan fl-umli opinjoni tas-socjeta assiguratrici kollu jwassal ghal dak li inghad fid-decizjoni moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet ***Noel Ellul noe. V. James Gollcher et noe et*** deciza mill Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Mejju 1997.

Saret ukoll referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza ***Reg. Micallef v. James Gollcher*** deciza fid-19 ta' Awissu 1992.

Jinghad ukoll dak li gie ikkwotat fis-sentenza fl-ismijiet ***Dr. Peter Borg Costanzi noe v. James Gollcher*** (Prim'Awla, Citaz. Nru. 1724/93 deciza fil-5 ta' Lulju, 1996) , fejn l-istess Qorti sostniet li jidher car li il-Gate Pass Out jigi iffirmat b'mod ljev mill-importatur u inghad li "…*Ma jistax jippretendi l-attur nomine li ghax l-assigurat tieghu kien pront u accetta dan l-istat ta' fatt u l-claim tieghu giet milqugha, allura b'daqshekk hemm il-prova li l-hsarat riskontrati kienu attribwibli inter alia lis-socjeta konvenuta; kull ma kellu jaghmel l-assigurat kien li jindika in-nuqqasijiet u l-hsarat waqt ir-rilaxx u mhux wara ir-rilaxx u ghalhekk l-istess socjeta attrici kellha tbati l-konsegwenzi ta' tali nuqqasijiet*"**.**

Fil-kaz odjern, is-socjeta attrici ghandha dokument iffirmat miz-zewg partijiet (jekk kienx effetivament Vella li ffirma id-dokument jew terza persuna ohra sta ghas –socjeta attrici li tipprovah stante li hija qeghda tallega li dan li hemm imnizzel f'dan id-dokument m'huwiex minnu). Ghandha wkoll ix-xhieda ta' dawn l-istess individwi, fejn wiehed, (id-delivery cleri tas-socjeta' esponenti), jghid car u tond li kieku xi hadd infurmah b'xi nuqqas huwa kien inizzlu, filwaqt li l-iehor jghid li informa lill-xi hadd tal-Cargo Handling (lil minn informa huwa ma jafx). Ir-raguni il-ghala l-istess nuqqasijiet ma gewx imnizzla fil-Gate Pass Out ma tinghatax minn din il-persuna.

U huwa f'dan il-kuntest li s-socjeta esponenti ma taqbilx mar-referenza li saret mill-ewwel Qorti stante li f'dan il-kaz, la l-importatur, la il-Burdnar u

lanqas is-socjeta assiguratrici ma huma qeghdin jallegaw li kienu kostretti li iffirmaw dan id-dokument minghajr hsarat.

U f'dan il-kuntest wiehed isaqsi, xi prova ingiebet mis-socjeta' assiguratrici li tali nuqqasijiet kienu hemm, u li il-prova tal-Gate Pass Out ghandha taqa'?

Ingiebet ix-xhieda ta' l-importatur li iddikjara li kien hemm dawn in-nuqqasijiet. Dan ta' l-ahhar pero qatt ma spjega il-ghala il-lista ta' l-accessorji huwa qatt m'ghaddieha lis-socjeta esponenti. Jghid ukoll illi huwa kien prezenti fil-mument tar-rilaxx tal-crane. Bin-nuqqasijiet informa lill tad-Dwana (mkien ma tissemma is-socjeta esponenti), u wara ghamel il-claim li giet accettata mis-socjeta assiguratrici. Wiehed isaqsi, din hija prova sufficjenti, bhal m'huma dawk li normalment jigu accettati mill-Qrati taghna, biex titwaqqa prova skritta?

Ingieb l-ufficjal tad-dwana, Joseph Azzopardi, li nizzel dawk in-nuqqasijiet indikati lilu mil-importatur tal-crane. Wiehed isaqsi, din hija prova sufficjenti, bhal m'huma dawk li normalment jigu accettati mill-Qrati taghna, biex titwaqqa prova skritta?

Ingieb il-burdnar li allegatament iffirma l-istess Gate Pass Out. Dan allega li il-firma fuq id-dokument m'hijiex tieghu, l-ID no. m'huwiex tieghu, u li huwa nforma lill tad-Dwana u lil tal-Cargo Handling. Dan id-dokument inghata lilu biex il-crane ikun jista jinhareg. Pero imkien u

qatt, hlief ghax mistopsi biex jaghraf il-firma tieghu fuq id-dokument quddiem l-ewwel Qorti, ma qal jew informa lil xi hadd li il-firma fuq id-dokument m'hijiex tieghu. Wiehed isaqsi, din hija prova sufficjenti, bhal m'huma dawk li normalment jigu accettati mill-Qrati taghna, biex titwaqqa prova skritta?

Fl-umli opinjoni tas-socjeta esponenti, is-socjeta attrici, fl-ebda stadju ma rnexxielha tressaq xi prova biex tirribatti dak li jinghad u huwa dikjarat bil-miktub fil-Gate Pass Out. IL-Qrati taghna, kemm fi kwestjonijiet simili ta' "cargo claims", kif ukoll fi kwestjonijiet fejn jintalbu biex janalizzaw u jiddeciedu fuq kuntratt in vista ta' cirkostanzi li juri xort' ohra, dejjm insistew fuq grad ta' prova ta'certu livell u importanza biex jitwaqqa dak li gie miktub.

Rigward dan l-oneru tal-prova ssir referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Noel Ellul noe v. Joseph Apps,*** gia imsemmija.

Issir ukoll referenza ghad-decizjoni ta' l-istess Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet ***Dr. Simon Micallef Stafrace noe. v Godwin Abela et noe et*** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Novembru 1996.

Interessi u spejjez:

Rigward il-kwistjoni ta' l-interessi, hija l-umli opinjoni tas-socjeta konventa appellanta illi, jekk ghall-grazzja ta' l-argument biss tigi

konfermata d-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti, l-interessi jibdew jiddekorru minn meta l-ammont jigi likwidat, stante li si tratta dwar kawza ta' danni.

A rigward ta' l-ispejjez hija l-umli opinjoni tas-socjeta konvenuta appellanta illi, jekk ghall-grazzja ta' l-argument biss tigi milqugha it-talba attrici, is-socjeta esponenti taqbel ma dak li gie deciz mill-Ewwel Qorti li hija m'ghandiex tkun responsabbli ghall-ispejjez tas-socjeta konvenuta l-ohra.

Ghaldaqstant, is-socjeta konvenuta appellanti talbet li dina il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar 1999 fl-ismijiet premessi, billi tikkonfermha kwantu ddikjarat u ddecidiet illi s-socjeta konvenuta appellanta m'hijiex responsabbli ghall-ispejjez tas-socjeta konvenuta l-ohra, u tirrevokaha f'dik il-parti fejn il-Qorti laqghet il-kumplament tat-talba attrici u cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta appellanta, billi jigu rigettati d-domandi attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta attrici.

**<u>IR-RISPOSTA TAL-APPELL TAL-ATTUR NOMINE</u>**

L-attur nomine appellat wiegeb hekk:-

Illi is-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi konfermata minn din l-Onorabbli Qorti.

Illi kif tajjeb gie kostatat mill-ewwel Qorti, il-provi processwali jindikaw b'mod inekwivoku illi l-crane bl-accessorji kollha tieghu nizel minn fuq abbord il-bastiment fi stat tajjeb u minghajr nuqqasijiet. Gie stabbilit ukoll mill-mument li tnizzel minn abbord sal-mument li gie rilaxxjat lill-burdnar tal-importatur, il-crane kien fil-kura u kustodja tas-socjeta The Cargo Handling Co Ltd.

Illi l-provi prodotti mill-attur juru ukoll illi meta is-socjeta The Cargo Handling Co Ltd., irrilaxxjat lill-burdnar l-crane, xi 'parts' u accessorji ohrajn kienu neqsin. Dawn in-nuqqasijiet gew konfermati kemm mill-ufficcjali tad-Dwana li esebew dokumenti relattivi f'dan is-sens kif ukoll l-istess burdnar, Saviour Vella permezz ta' ittra datata 4 ta' April 1994. Kif tajjeb sostniet l-ewwel Qorti, il-Gate Pass Out, ghalkemm prova importanti, mhuwiex prova assoluta. Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti kienet rinfaccjata bil-Gate Pass Out fuq naha wahda, b'kuntrast max-xhieda ta' Richard Colombo, Saviour Vella u ufficjali tal-Kontrollur tad-Dwana fuq in-naha l-ohra u kif gja ntqal, ix-xhieda tal-ufficjali tad-Dwana kienet ukoll dokumentata. Ghandu jsegwi ghalhekk illi fuq bazi ta' probabilita it-tezi attrici hija aktar verosimili.

Illi dwar l-interessi is-sottomissjonijiet tal-appellant huma ghal kollox infondati. It-talba tal-attur kif dedotta fic-citazzjoni hija gja likwidata u kwindi l-interessi jidekorru minn meta giet notifikata c-citazzjoni.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu illi din il-Qorti tirrespingi l-appell interpost mill-appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata.

**RISPOSTA TAL-APPELL TA' L-KONVENUT APPELLAT DAVID JONES NOE.**

6. Il-konvenut David Jones nomine, appellat wiegeb hekk:-

(i) Illi is-sentenza appellata hija giusta u timmerita konferma ghax irrizulta ampjament ghall-ewwel Qorti li il-crane de quo nizel minn abbord u gie konsenjat f'idejn is-socjeta' konvenuta appellanti bla nuqqasijiet u siccome li din hija kwistjoni ta' fatt, il-Qorti ta' l-Appell mhux solitu li tiddisturba il-gudizzju tal-ewwel Qorti dwar kwistjonijiet ta' fatt billi din tkun semghet il-provi u kienet fl-ahjar posizzjoni li tivvaluta il-valur probatizju tal-provi imressqa.

(ii) Illi subordinatament anke jekk is-socjeta' appellanti tirnexxi fl-appell taghha ghax il-Gate Pass Out ma kienx fih rimarki jew riservi dan m'ghandux jaffettwa il-posizzjoni tal-esponent nomine, ghax jekk il-Gate Pass Out bla rizervi jimplika li il-crane gie konsenjat lil burdnar tal-importatur fi stat tajjeb u bla nuqqasijiet, multo magis jigi li allura il-vapur kien skarika l-istess crane intatt u bla nuqqasijiet.

(iii) Illi imbaghad ukoll subordinatament u bla pregudizzju, anke jekk l-appell jigi milqugh, dan ma jistax ibiddel il-posizzjoni tal-esponent noe. fl-assenza ta' appello di comodo mill-attur noe. biex jitfa' ir-

responsabbilita fuq l-esponent noe. minflok fuq l-appellant noe. u il-liberazzjoni tal-esponent noe. mir-responsabbilita ghandha titqies li ghaddiet in gudikat fil-konfront tal-attur appellat.

**RISPOSTA TAL-APPELL TA' L-KONVENUT APPELLAT ALFRED POLLACCO NOE.**

7. Il-konvenut Alfred Pollacco nomine, appellat wiegeb hekk:-

(i) Illi is-sentenza appellata hija giusta u timmerita konferma ghax irrizulta ampjament ghall-ewwel Qorti li il-crane de quo nizel minn abbord u gie konsenjat f' idejn is-socjeta' konvenuta appellanti bla nuqqasijiet u siccome li din hija kwistjoni ta' fatt, il-Qorti tal-Appell mhux solitu li tiddisturba il-gudizzju tal-ewwel Qorti dwar kwistjonijiet ta' fatt billi din tkun semghat il-provi u kienet fl-ahjar posizzjoni li tivvaluta il-valur probatizju tal-provi imressqa.

(ii) Illi subordinatament anke jekk is-socjeta' appellanti tirnexxi fl-appell taghha ghax il-Gate Pass Out ma kienx fih rimarki jew rizervi dan ma'ghandux jaffettwa il-posizzjoni tal-esponent nomine, ghax jekk il-Gate Pass Out bla riservi jimplika li il-crane gie konsenjat lil burdnar tal-importatur fi stat tajjeb u bla nuqqasijiet, multo magis jigi li allura il-vapur kien skarika l-istess crane intatt u bla nuqqasijiet.

(iii) Illi imbaghad ukoll subordinatament u bla pregudizzju, anke jekk l-appell jigi milqugh, dan ma jistax ibiddel il-posizzjoni tal-esponent

noe. fl-assenza ta' appello di comodo mill-attur noe. biex jitfa' ir-responsabbilta' fuq l-esponent noe. minflok fuq l-appellant noe. u il-liberazzjoni tal-esponent noe. mir-responsabbilita' ghandha titqies li ghaddiet in gudkat fil-konfront tal-attur appellat.

**Is-sentenza ta' din il-Qorti**

8. L-aggravji ta' l-appellanti jingabru taht zewg kapijiet differenti u cioe':-

(i) Il-kundizzjoni li fiha gew skarikati il-vetturi minn abbord il-vapur;

(ii) Id-difetti u n-nuqqasijiet li gew riskontrati meta l-vetturi gew rilaxxjati mis-socjeta' appellanti.

(i) Dwar l-ewwel kap is-socjeta' konvenuta appellanti sostniet li hija ma setghet u ma tista' qatt tinsab responsabbli ghal nuqqasijiet li dwarhom hija ma tkunx inghatat informazzjoni, u minkejja li din l-informazzjoni kienet disponibbli f'idejn l-importatur.

9. Bir-rispett kollu, l-ezercizzju ta' apprezzament ta' provi ta' fatt – li din il-Qorti fin-normalita' ma tiddisturba qatt b'mod legger – gie kondott sew dwar il-punti mqajjma mis-socjeta' konvenuta appellanti. Issa jekk l-appellanti jidhrilha li l–provi taghha kellhom jipprevalu fuq dawk tal-kontro-parti, din hija hag'ohra. Di fatt, l-Ewwel Qorti, wara li tat sunt ta'

dak li kull xhud li gie prodott iddepona gustament ikkonkludiet li kien jirrizulta:

"........li f'dan il-kaz l-agent tal-vapur mhux responsabbli ghan-nuqqasijiet – billi skond ix-xhud Richard Colombo meta nizzel il-crane minn fuq il-vapur ma kienx hemm nuqqasijet u l-"crane" kien jidher all right".

Inoltre hekk ikkonferma Mario Tellus, kif ukoll it-"Tally Sheet". Ix-xhieda ta' Richard Colombo ma thalli ebda dubju dwar ir-responsabilita' da parti tas-socjeta' konvenuta appellanti ghan-nuqqasijiet riskontrati.

(ii) Dwar it-tieni kap ta' l-aggravju, is-socjeta' konvenuta appellanti sahhqet fuq il-forza probatorja tal-"Gate Pass Out". Dan hu bla dubbju innegabbli imma, madanakollu, tali prova dejjem tqieset minn dawn il-Qrati bhala wahda "juris tantum" u mhux wahda assoluta. L-ewwel Qorti gustament hekk ukoll irriteniet u dehrilha inoltre li l-provi li ressaq l-attur nomine kienu jxejnu l-fatt li l-"Gate Pass Out" gie mahrug bla marki ta' xejn u li jikkonferma li kollox kien fi stat tajjeb. F'dan il-kaz pero', issostni s-socjeta' appellanti, ma saret ebda allegazzjoni ta' pressjoni ezercitata fuq l-importatur min-naha ta' l-ufficjali tal-merkanzija The Cargo Handling Company Limited fl-istadju tar-rilaxx.

Dana l-aggravju, in ultima analisi, jinkwadra ruhu fuq apprezzament, jew ahjar evalwazzjoni tal-provi kollha u liema verzjoni ghandha tipprevali – ta' lanqas fuq bazi ta' probabilita' jekk mhux certezza. L-Ewwel Qorti kkuntrastat il-forza probatorja tal-"Gate Pass Out" u dawk li xehdu dwar ir-rilaxx min-naha ta' The Cargo Handling Company Limited ma' dak li ddeponew Richard Colombo, l-importatur, Saviour Vella, il-burdnar, l-ufficjal tal-Kontrollur tad-Dwana, flimkien ma' dak li kien jemani mit-"tally sheet" de quo.

10. L-aggravju dwar l-interessi u spejjez gudizzjarji huma frivoli ghall-ahhar. L-appellanti tissottometti li l-interessi ghandhom jiddekorru minn meta l-ammont tad-danni jigi likwidat. Ezami hafif tat-talbiet attrici f'dan ir-rigward juri mill-ewwel li l-quantum kien wiehed determinat sa mill-bidunett tal-vertenza.

Dwar it-tieni parti ta' l-ilment, u cioe' li l-appellanti m'ghandhiex taghmel tajjeb ukoll ghall-ispejjez tal-konvenuti l-ohrajn, hawn ukoll l-aggravju huwa manifestament infondat. Bizzejjed jinghad li sa l-ahhar waqt, is-socjeta' konvenuta appellanti ghadha tiddeklina u tirrespingi kwalwiasi farka ta' responsabilita' ghan-nuqqasijiet de quo. Fic-cirkostanzi, l-attur nomine appellat ma kellu ebda xelta hlief li jipprocedi gudizzjarjament bil-mod kif mexa f'dina l-istanza.

Il-Qorti, wara li ezaminat mill-gdid il-provi kollha tal-kaz, ma hijiex tal-fehma li hemm lok ta' xi varjazzjoni minn kif gie deciz mill-Ewwel Qorti.

Illi ghalhekk ukoll jidher li l-aggravji tas-socjeta' konvenuta huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontriha.

Dep/Reg

mm